**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nikola Agius

**Armi tan-Nar — Xkubetta — Forza Maġġuri — Kontravvenzjoni.**

*Hu veru illi. għall-integrazzjoni ta' kontravvenzjoni, għar-rigur tad-dritt. hu biżżejjed il-fatt materjali, u li għalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-sempliċi volontarjetà; imma l-pussess ta' xkubetta mhux bl-animu li wieħed jippossjediha, imma għax kostrett miċ-ċirkustanzi, ma jammontax għar-reat ta' pussess ta' arma tan-nar mingħajr permess tal-Pulizija. Bniedem li jkollu f'idejh xkubetta appartenenti lil persuna oħra, u li jirrifjuta jikkonsenjahielu għax jibża' minnu, u li kien pront jikkonsenjaha lill-Pulizija basta din ma tikkonsenjahiex lill-sidha, ġie f'din is-sentenza dikjarat li ma kienx ħati ta' pussess illegali ta' arma tan-nar; għax fiċ-ċirkustanzi tal-każ il-Qorti żammet li dawk iċ-ċirkustanzi li fihom l-imputat kien qiegħed iżomm l-ixkubetta kienu prattikament jammontaw għal "vis major", ossija kostrinġiment li jeskludi l-volontarjetà, in bażi għall-prinċipju li f'każijiet konsimili l-imputat "non agit, sed agitur".*

Il-Qort:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fil-Qrendi, fl-ewwel ta' Novembru 1958, kien

qiegħed iżomm arma tan-nar (xkubetta) mingħajr il-permess tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ħlas ta' £5 multa u ordnat il-konfiska tal-arma eżibita;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq riferita, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-provi juru, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li ċertu Leonardo Spiteri, li hu miżżewweġ ma' bint l-imputat, kien mar joqgħod miegħu l-Qrendi. F'ċertu żmien dan l-aħħar, kellhom xi jgħidu, u Spiteri telaq u reġa mar Ħal-Kirkop, iżda martu baqgħet ma' missierha, l-imputat. Spiteri ħalla xi affarijiet fil-post tal-imputat, fosthom l-ixkubetta in kwistjoni. Jirriżulta li l-imputat, li kien jibża' minn Spiteri, peress li dan hu ftit iraxxibbli, ma azzardax jagħtieh lura l-ixkubetta; tant li, meta mar jitlobhielu, l-imputat ingħalaq ġol-garage. Anki qabel dan iż-żmien, l-imputat kien irrapporta lil Spiteri talli rafa' ġebla għalieh. Meta l-imputat ta l-ixkubetta lis-surġent Bajada, qallu li jagħtihielu, basta ma jagħtihiex lil Spiteri, u qallu wkoll li kien jibża' li jisparalu;

Hu ovvju, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, li l-imputazzjoni hi għal kollox insostenibbli. Hu veru li għall-integrazzjoni ta' kontravvenzjoni, għar-rigur ta' dritt, hu biżżejjed il-fatt materjali, u li għalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-sempliċi volontarjetà; imma fil-każ preżenti, il-pussess li kellu l-imputat, taħt iċ-ċirkustanzi fuq delineati, ma kienx pussess ta' dik l-ixkubetta bl-animu li jippossjediha, u, kif jgħid il-Maino "in subjecta materia" (Vol. I, art. 45, para. 183), "...... fu giudicato non costituire contravvenzione il possesso di cosa proibita non accompagnato dall' animo di possederla";

Mhux biss, imma ċ-ċirkustanzi li fihom l-ixkubetta kienet għand l-imputat prattikament jammontaw għal "vis major", ossija kostrinġiment, li jeskludi l-volontarjetà, in bażi għall-prinċipju li f'każijiet konsimili l-imputat "non agit sed agitur";

Għalhekk l-imputazzjoni hi bla bażi;

Kwantu għall-konfiska ordnata mill-Qorti;

Skond it-tielet subartikolu tal-art. 24 Kap. 12 (emenda tal-Ord. VI tal-1947), il-konfiska tista' tiġi ordnata anki jekk ma jkunx hemm kundanna, u anki jekk l-oġġett ma jkunx tal-imputat. Imma, s'intendi, tiġi ordnata kwante volte l-pussess ikun kontra l-liġi, jekk mhux da parti tal-imputat, almenu da parti ta' sid l-oġġett. Issa, f'dan il-każ, l-imsemmi Spiteri, sid l-ixkubetta, wera lill-Qorti, fil-kors tax-xhieda tiegħu (ara verbal fol. 11), permess biex iżomm dik l-ixkubetta, u tlieta oħra, anki fil-post tal-Qrendi, ċjoè fil-post mnejn ġiet elevata. Kwindi l-pussess ta' Spiteri kien legali, u għalhekk ma hemmx lok lanqas għall-konfiska;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.